# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 18 ta' Ġunju, 2024.**

**Numru 1**

**Ċitazzjoni numru 217/04/1 AF**

**Zelda Zerafa**

**v.**

**Gaetano u Lorraine konjuġi Costa;**
**u b'digriet tal-Qorti tad-19 ta' Jannar 2006 ġew nominati Dr Tonio Azzopardi u l-prokuratur legali Hilda Ellul Mercer bħala Kuraturi Deputati biex jirrappreżentaw lill-assenti Gaetano Costa; u b'nota tal-Qorti tal-31 ta' Jannar 2006 ġie sostitwit Dr Tonio Azzopardi u minflok ġie nominat Dr Richard Sladden bħala Kuratur Deputat biex jirrappreżenta lill-assenti Gaetano Costa; u b'digriet tal-Qorti tat-28 ta' Jannar 2010 ġiet revokata l-ħatra ta' Dr Richard Sladden bħala kuratur u qed jiġi estromess mill-kawża, u qed jiġi sostitwit bl-Avukat Patrick Valentino u l-prokuratur legali Liliana Buhagiar b'digriet tat-9 ta' Jannar 2014 bħala Kuraturi Deputati biex jirrappreżentaw lill-assenti Gaetano Costa; u fil-verbal tal-15 ta' Marzu 2016 il-Qorti ordnat illi kunjom Lorraine Costa jrid jaqra Lorraine Fino, u dan in vista tas-separazzjoni;**

**u**

**Chairman tal-Korporazzjoni Enemalta;**
**u b'digriet tat-3 ta' Mejju 2017 il-Qorti ordnat li "Enemalta p.l.c." tassumi l-atti minflok il-"Korporazzjoni Enemalta"**

**Preliminari:**

1. L-attriċi ppremettiet li kienet tikri stabbiliment mingħand il-konvenuti konjuġi Costa u li permezz ta' skrittura datata 26 ta' Marzu 1998 il-kirja kienet ġiet terminata b'effett mill-5 ta' April 1998. Ippremettiet ukoll li kienet ħallset lill-Korporazzjoni Enemalta tal-konsum tad-dawl u ilma kkonsmat minnha sa tali data, kif obbligat ruħha li tagħmel fuq l-imsemmija skrittura. Spjegat li l-Korporazzjoni Enemalta baqgħet tippretendi mingħandha l-ħlas għall-konsum li sar anke wara l-5 ta' April 1998, meta kienet ħarġet mill-istabbiliment, u li meta rrifjutat li tħallas il-Korporazzjoni Enemalta hija ssospenditilha l-provvista tad-dawl fil-fond fejn tabita mal-familja tagħha.

2. Għalhekk fl-24 ta' Marzu 2004 l-attriċi intavolat din il-kawża, fejn *inter alia* talbet lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili biex tiddikjara li kwalunkwe ammont dovut lill-Korporazzjoni Enemalta għall-konsum li sar wara l-5 ta' April 1998 huwa dovut mill-konvenuti konjuġi Costa u mhux minnha, u biex dawn tal-aħħar jiġu kkundannati għall-ħlas tal-ammont tal-arretrati a favur il-Korporazzjoni Enemalta.

3. Fl-24 ta' Frar 2005 wara li ppreżentat l-eċċezzjonijiet tagħha biex tgħid li t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt għaliex il-kont

inkwistjoni bin-numru 1000013005 huwa reġistrat fuq isem l-attriċi, il-Korporazzjoni Enemalta ressqet kontrotalba fejn talbet lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex tikkundanna lill-attriċi sabiex tħallasha s-somma ta' Lm8,215.34 (liema ammont sussegwentement ġie ridott għal €12,167.53), rappreżentanti l-arretrati tal-konsum relattiv għall-imsemmi kont, bl-imgħaxijiet mid-data tal-konsum sad-data tal-pagament relattiv, u bl-ispejjeż.

4. Permezz ta' sentenza mogħtija fis-26 ta' Frar 2020, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kkundannat lill-konvenuti Costa (issa Costa u Fino, peress li fil-frattemp isseparaw) għall-ħlas tal-ammont ta' arretrati fl-ammont ta' €12,167.53 favur l-Enemalta p.l.c., kif mitlub mill-attriċi. Konsegwentement ċaħdet it-talba rikonvenzjonali tal-Enemalta p.l.c.. Ordnat ukoll li l-ispejjeż tal-kawża prinċipali u tal-kontrotalba kellhom jitħallsu nofs (½) bin-nofs (½) bejn il-konvenuti Costa u Fino *in solidum*.

5. Is-soċjetà Enemalta p.l.c. ħassitha aggravata b'tali deċiżjoni u għalhekk fl-4 ta' Mejju 2020 interponiet appell quddiem din il-Qorti fejn talbitha:

> *"…tannulla s-sentenza numru 217/2004/AF fl-ismijiet premessi mogħtija nhar is-26 ta' Frar 2020 abbażi tal-ewwel aggravju jew, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tiċħad l-ewwel aggravju dwar it-talba għan-nullita`, tirriforma s-sentenza appellata mogħtija nhar is-26 ta' Frar 2020 fl-ismijiet premessi billi tirrevokaha in kwantu laqgħet l-ewwel (1) u t-tielet (3) talbiet tal-appellata Zelda Zerafa u ġiet miċħuda t-talba rikonvenzjonali tal-appellanta u minflok, tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-appellanta Enemalta plc u tiddikjara li l-ammont dovut kif likwidat fis-*

*sentenza huwa dovut lill-appellanta Enemalta plc mill-appellata Zelda Zerafa, tilqa' t-talbiet rikonvenzjonali tal-appellanta Enemalta plc u tikkundanna lill-istess Zelda Zerafa tħallas lill-Enemalta plc l-ammont dovut kif likwidat fis-sentenza appellata, salv kwalunkwe dikjarazzjoni dwar id-dritt tal-attriċi li tirreklama l-ammont li għandha tħallas lill-appellanta mill-konvenuti Costa u Fino, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fil-kumplament tagħha, bl-ispejjeż kontra l-appellati."*

6. Għall-intendiment aħjar ta' dan l-appell din il-Qorti qiegħda tirriproduċi s-sentenza appellata:

"Il-Qorti:

Rat iċ-ċitazzjoni ta' Zelda Zerafa li permezz tagħha wara li ġie premess illi:

L-attrici kienet hadet b'lokazzjoni minghand il-konvenuti Gaetano u Lorraine mizzewgin Costa, l-istabbiliment "Dolceria Siciliana, De Gabriele Luca" fi Triq San Frangisk, San Gwann. Din il-lokazzjoni saret ghal perjodu ta' tliet snin, cioè mis-6 ta' Ottubru 1997 sal-5 ta' Ottubru 2000.

Dan il-ftehim gie mhassar bi skrittura privata tas-26 ta' Marzu 1998. Skond din l-iskrittura privata, l-attrici kellha thallas ghal konsum tal-ilma u d-dawl sal-5 ta' April 1998. L-attrici fil-fatt hallset lill-Korporazzjoni Enemalta dak kollu li kien dovut minnha sal-5 ta' April 1998.

Il-Korporazzjoni Enemalta baqghet tippretendi minghand l-attrici l-hlas ghal konsum tal-ilma u dawl anki wara din id-data, meta l-attrici kienet harget mill-istabbiliment imsemmi. L-ammont pretiz sal-5 ta' Novembru 2002 mill-Korporazzjoni Enemalta huwa ta' sebat elef tlett mija u tletin Lira u sitta u disghin centezmu (Lm7,330.96) kif jirrizulta mill-kont numru 1000013005.

L-attrici rrifjutat li thallas ghall-konsum u kera ta' meters wara l-5 ta' April 1998 peress li tali ammont huwa dovut mill-konvenuti mizzewgin Costa.

Il-Korporazzjoni Enemalta minhabba intransigenza ssospendiet il-provvista tad-dawl elettriku fil-fond fejn l-attrici tabita flimkien mal-familja taghha, jigifieri Flat 3, Beach Flats, St. Publius Street, San Pawl il-Bahar.

Il-konjugi Costa u l-Korporazzjoni Enemalta, interpellati b'ittra ufficcjali sabiex jirrimedjaw din is-sitwazzjoni, baqghu inadempjenti.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li kwalunkwe ammont dovut lill-Korporazzjoni Enemalta ghall-konsum ta' ilma u dawl u kera ta' meters fir-rigward tal-istabbiliment "Dolceria Siciliana, De Gabriele Luca", Triq San Frangisk, San Gwann, wara l-hamsa (5) ta' April 1998, huwa dovut mill-konjugi Costa u mhux mill-attrici.

2. Tillikwida l-arretrati akkumulati wara l-hamsa (5) ta' April 1998 sad-data tas-sentenza, liema ammont gie kkwantifikat mill-Korporazzjoni Enemalta mis-6 ta' April 1998 sal-5 ta' Novembru 2002 fl-ammont ta' sebat elef tlett mija u tletin Lira u sitta u disghin centezmu (Lm7,330.96) – b'riserva ta' kull ammont iehor li talvolta jirrizulta dovut.

3. Tikkundanna lill-konvenuti Gaetano u Lorraine mizzewgin Costa ghall-hlas tal-ammont ta' arretrati kif likwidat a favur tal-Korporazzjoni Enemalta.

4. Tordna lill-Korporazzjoni Enemalta sabiex minnufih jaghtu lura l-provvista ta' dawl elettriku lill-attrici fir-residenza taghha Flat 3, Beach Flats, St. Publius Street, San Pawl il-Bahar, u dana peress li l-attrici ma kellha x'taqsam xejn aktar mal-istabbiliment "Dolceria Siciliana, De Gabriele Luca" wara l-5 ta' April 1998.

5. Tiddikjara lill-Korporazzjoni Enemalta responsabbli ghall-hlas tad-danni lill-attrici minhabba l-qtugh tal-provvista tad-dawl elettriku fir-residenza taghha fuq imsemmija.

6. Tillikwida d-danni kollha konsegwenzjali sofferti minnha.

7. Tikkundanna lill-Korporazzjoni Enemalta ghall-hlas tas-somma hekk likwidata u dikjarata dovuta lill-attrici in linea ta' danni.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti jew min minnhom, li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa ta' Zelda Zerafa li taqra hekk:

***…omissis…***

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet ta' Lorraine Costa li permezz tagħha gie eċċepit illi:

Preliminarjament jigi rilevat ghall-korrettezza illi l-eccipjenti illum kunjomha "Fino", dana billi rrivertiet ghal kunjom xbubitha wara s-separazzjoni personali minn mar-ragel Gaetano Costa, u illi c-citazzjoni attrici ma tinkludix dettalji essenzjali tal-partijiet, fosthom in-numri tal-karti tal-identità tal-partijiet u/jew l-ismijiet tal-genituri u/jew in-numri ta' registrazzjoni tal-kumpaniji kontendenti, u s-suespost ghandu jigi rifless

kemm fic-citazzjoni kif ukoll f'kull att iehor relatat u sussegwenti, permezz tal-appoziti modifiki u/jew korrezzjonijiet.

Preliminarjament ukoll u bla pregudizzju ghas-suespost, it-talba ghall-hlas mill-eccipjenti ammont ta' arretrati hija preskritta in toto u/jew in parte ai termini tal-artikolu 2156 tal-Kap. XVI.

Preliminarjament ukoll u bla pregudizzju ghas-suespost, jekk is-sitt talba attrici hija diretta lejn l-eccipjenti wkoll, din hija preskritta in toto jew in parte ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kap. XVI.

Bla pregudizzju ghas-suespost, l-eccipjenti mhix responsabbli ghall-hlas ta' kwalunkwe ammonti li jistghu jkunu dovuti lill-Korporazzjoni Enemalta dwar il-fond "Dolceria Siciliana, Da Gabriele e Luca", Triq San Frangisk, San Gwann, il-ghaliex kien jinkombi fuq l-attrici illi tiffirma biex isir it-tibdil tal-utent registrat mal-Korporazzjoni Enemalta, haga li hija ghalkemm bosta drabi interpellata kemm mill-eccipjenti u mir-ragel taghha kif ukoll mill-akkwirenti sussegwenti tal-fond, baqghet ma ghamlitx.

Bla pregudizzju ghas-suespost, u fi kwalunkwe kaz, is-servizz ma giex ikkunsmat mill-eccipjenti, illi lanqas qatt ma jirrizulta li kienet l-utent registrat ta' dan il-fond imma minn terzi, u allura ma tistax tintalab illi thallas l-ammont allegatament dovut lill-Korporazzjoni Enemalta l-istess eccipjenti, illi ghalhekk ukoll ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju billi mhijiex legittimu kontradittur f'din il-kawza.

Bla pregudizzju ghas-suespost, isegwi li l-eccipjenti m'ghandhiex tinsab responsabbli ghal kwalunkwe danni li l-attrici tista' tigi kkunsidrata subiet.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri jekk u meta jkun il-kaz.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa ta' Lorraine Costa li taqra hekk:

***…omissis…***

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-Korporazzjoni Enemalta li permezz tagħha eċċepiet illi:

It-talbiet attrici huma nfondati kemm fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi:

1. L-ammonti huma interament dovuti lill-Korporazzjoni mill-attrici Zelda Zerafa in kwantu huma bbazati fuq actual reading tal-kont in kwistjoni, cioè l-kont numru 1000013005 liema kont huwa registrat fuq l-isem attrici.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-Korporazzjoni Enemalta maħlufa mill-Avukat Dottor Damien Degiorgio li taqra hekk:

L-attrici Zelda Zerafa hija r-registered consumer in relazzjoni mal-kont in kwistjoni, cioè l-kont numru 1000013005.

Sussegwentement, in relazzjoni mal-kont riferit, sa fejn ghandha x'taqsam il-Korporazzjoni Enemalta, ir-relazzjoni guridika f'dan il-kaz hija mal-attrici Zelda Zerafa.

Il-korporazzjoni Enemalta, tramite r-rapprezentant taghha, l-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma, tipprovdi procedura u formula appozita sabiex isir 'transfer of registered consumer', f'liema kaz tigi wkoll trasferita r-responsabbilità tal-kont.

Dan kollu ma sarx mill-attrici, li ghaldaqstant ovvjament baqghet vinkolata mal-Korporazzjoni, irrispettivament minn dak kollu li gara ma' terzi.

Ma tezistix kontestazzjoni fuq il-konsum u ghaldaqstant fuq l-ammonti dovuti. Ghaldaqstant il-Korporazzjoni konvenuta mhijiex responsabbli ghall-akkadut u ghandha tithallas ghall-konsum fuq il-kont riferit.

Rat il-kontro talba tal-Korporazzjoni Enemalta li permezz tagħha wara li ġie premess illi:

Il-kont relattiv ghal hlas ta' dan is-servizz huwa l-kont numru 1000013005, registrat mal-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma taht l-isem ta' Zelda Zerafa sa mill-1996.

Fuq dan il-kont huma dovuti tmint'elef mitejn u hmistax-il Lira Maltija u erba' u tletin centezmu (Lm8215.34) rapprezentanti konsum tal-elettriku fil-fond riferit, kif indikata fl-anness dokument ZZ1.

Ghalkemm debitament interpellata din qatt ma hallset.

L-ahhar hlas ta' tmien mija u erba' u sebghin Lira Maltija (Lm874) fuq il-kont riferit sar f'Lulju tas-sena li ghaddiet.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi Zelda Zerafa hija debitrici tal-Korporazzjoni Enemalta fl-ammont ta' tmint'elef mitejn u hmistax-il Lira Maltija u erba' u tletin centezmu (Lm8215.34), fuq il-kont numru 1000013005, rapprezentanti konsum ta' l-elettriku fl-istabbiliment "Dolceria Siciliana, De Gabriele Luca", fi Triq San Frangisk, San Gwann liema kont huwa registrat mal-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma taht l-isem ta' Zelda Zerafa.

2. Tikkundanna lill-istess Zelda Zerafa thallas lill-Korporazzjoni

Enemalta l-ammonti msemmija, bl-imghaxijiet mid-data tal-konsum sad-data tal-pagament relattiv u bl-ispejjez.

Rat id-dikjarazzjoni tal-Korporazzjoni Enemalta maħlufa mill-Avukat Dottor Damien Degiorgio li taqra hekk:

L-istabbiliment "Dolceria Siciliana, De Gabriele Luca", fi Triq San Frangisk, San Gwann huwa provdut bil-kurrent elettriku mill-Korporazzjoni Enemalta.

Il-kont relattiv ghal hlas ta' dan is-servizz huwa l-kont numru 1000013005, registrat mal-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma taht l-isem ta' Zelda Zerafa sa mill-1996.

Fuq dan il-kont huma dovuti tmint'elef mitejn u hmistax-il Lira Maltija u erba' u tletin centezmu (Lm8,215.34), rapprezentanti konsum tal-elettriku fil-fond riferit.

L-ahhar hlas ta' tmien mija u erba' u sebghin Lira Maltija (Lm874) fuq il-kont riferit sar f'Lulju tas-sena li ghaddiet.

Zelda Zerafa hija debitrici tal-Korporazzjoni Enemalta fl-ammonti riferiti u ghandha tigi kkundannata thallas lill-Korporazzjoni l-istess ammonti bl-ispejjez u bl-imghaxijiet.

Ghalhekk kellha ssir din il-kontro-talba.

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet ta' Zelda Zerafa għall-kontro talba tal-Korporazzjoni Enemalta li permezz tagħha eċċepiet illi:

It-talbiet attrici m'ghandhomx jigu milqugha fil-konfront tal-eccipjenti peress illi l-kreditu pretiz mill-Korporazzjoni Enemalta m'ghadux aktar dovut minn Zelda Zerafa, izda minn Gaetano Costa u Lorraine Fino neé Costa.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-Avukat Dottor Richard Sladden u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Gaetano Costa li permezz tagħha eċċepew illi:

L-eccipjenti mhumiex edotti mill-fatti tal-kaz u jirriservaw li jipprovdu l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri meta jikkomunikaw mal-assenti konvenut.

Ghal dan l-iskop l-esponenti kitbu lid-difensur tal-attrici sabiex jinghataw kwalunkwe informazzjoni li hu u/jew l-attrici ghandha dwar l-indirizz tal-assenti.

Preliminarjament u bla pregudizzju ghas-suespost, it-talba ghall-hlas mill-eccipjenti ta' ammont ta' arretrati hija preskritta in toto u/jew in parte u dan ai termini tal-artikolu 2156 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-sitt talba attrici hija wkoll preskritta in toto u/jew in parte ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-kuraturi deputati li taqra hekk:

***…omissis…***

Rat in-nota tal-Korporazzjoni Enemalta li permezz tagħha rriduċiet il-pretensjoni tagħha għal €12,167.53.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat-noti ta' sottomissjonijiet tal-attriċi u tas-soċjetà konvenuta.

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi din tal-lum hija kawża dwar min għandu jħallas kont tad-dawl u ilma pendenti fuq fond ġja mikri lill-attriċi. Filwaqt illi l-attriċi tgħid li l-bilanċ huwa dovut mingħand il-konvenuti Gaetano Costa u Lorraine Fino, il-konvenuti kollha jinsistu li għandha tħallas l-attriċi stante li l-kont kien f'isimha.

Mill-provi prodotti jirriżulta li permezz ta' skrittura tal-1 ta' Ottubru 1997, l-attriċi kriet mingħand is-soċjetà G. Costa Catering Limited l-istabbiliment "Dolceria Siciliana, De Gabriele Luca", Triq San Frangisk, San Gwann. Din il-kirja kellha tkun għal perjodu ta' tlett snin iżda bi qbil bejn il-partijiet ġiet terminata permezz ta' skrittura tas-26 ta' Marzu 1998 fejn ġie miftihem illi l-attriċi kellha tħallas għall-konsum ta' dawl u ilma sal-5 ta' April 1998.

Jirriżulta li meta ħadet il-gestjoni tal-istabbiliment, l-attriċi dawret il-kont tad-dawl u ilma fuq isimha imma meta ġiet terminata l-kirja, hija ma ħaditx ħsieb illi tinforma lis-soċjetà konvenuta (minn issa 'l quddiem imsejħa 'Enemalta') u timla l-formola appożita sabiex il-kont jerġa jirreverti ghal fuq isem sid il-proprjetà, b'dan illi l-bilanċ fuq il-kont baqa' jakkumula u Enemalta bdiet tesiġi ħlas mingħandha. L-attriċi rrifjutat li tħallas u nonostante li ppreżentat kopja tal-iskrittura li biha ġiet terminata l-kirja, Enemalta rrifjutat li tneħħi l-kont minn fuq isimha u kellha tiġi intavolata din il-kawża. Minkejja li listabbiliment in kwistjoni

inbiegħ lil terzi f'Novembru tal-2001, kien biss fl-2008 li s-sid il-ġdid beda jħallas għall-konsum tiegħu u dan b'lura mill-2001. Illum il-ġurnata l-kwistjoni li baqa' hija dwar min għandu jħallas il-bilanċ ta' €12,167.53 li akkumula minn April tal-1998 sa Novembru tal-2001. Jirriżulta li għal xi żmien Enemalta ssospendiet il-provvista tal-elettriku għar-residenza tal-attriċi.

Il-konvenuta Lorraine Costa eċċepiet preliminarjament illi għall-korrettezza hija rrivertiet għall-kunjom xbubitha wara s-separazzjoni personali minn mal-konvenut Gaetano Costa. Din l-eċċezzjoni ġiet sorvolata in kwantu li fl-udjenza tal-15 ta' Marzu 2016 il-Qorti ordnat il-korrezzjoni meħtieġa.

Il-konvenuta Fino u l-kuraturi deputati nominati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Gaetano Costa eċċepew il-preskrizzjoni a tenur tal-artikoli 2153 u 2156 tal-Kapitolu 16. Fl-ewwel lok u dwar il-preskrizzjoni skont l-artikolu 2153, għandu jingħad illi t-talba għad-danni kienet diretta lejn l-Enemalta biss. Fi kwalunkwe każ, l-attriċi ma ressqet l-ebda provi dwar xi danni li setgħet sofriet u allura l-Qorti ma tarax għalfejn għandha tidħol fil-mertu ta' din l-eċċezzjoni.

Dwar l-eċċezzjoni skont l-artikolu 2156, is-sub inċiż applikabbli jaqra hekk:

*"L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' ħames snin: .....*

*(f) azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku."*

Fil-fehma tal-Qorti, din il-preskrizzjoni mhijiex applikabbli għall-każ odjern. Il-preskrizzjoni hija intrinsikament marbuta mal-azzjoni u l-kawża tal-lum ma tikkonċernax xi kreditu allegatament dovut lill-attriċi iżda hija dwar min hu responsabbli jħallas il-bilanċ pendenti fuq il-kont reġistrat ma' Enemalta, abbażi ta' skrittura privata bejn l-attriċi u l-konvenuti Costa u Fino.

***…omissis…***

Għalhekk, din l-eċċezzjoni qegħda wkoll tiġi miċħuda.

Il-konvenuta imbagħad teċċepixxi li l-konsum ma kienx ikkunsmat minnha u li lanqas qatt ma kienet l-utent reġistrat tal-fond u għalhekk hija mhijiex il-leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri. Jidher li b'din l-eċċezzjoni l-konvenuta qegħda tfisser li sid l-istabbiliment in kwistjoni kienet is-soċjetà G. Costa Catering Limited, li mhijiex parti f'dawn il-proċeduri.

***…omissis…***

Filwaqt illi huwa minnu li sid l-istabbiliment kienet il-kumpannija u mhux il-konvenuti Costa u Fino f'isimhom personali, din il-Qorti tqis illi bl-eċċezzjoni tagħha l-konvenuta Fino qiegħda tattenta taħrab mill-obbligi tagħha billi tinħeba wara finzjoni legali. Dan huwa aġir skorrett li jpoġġiha in *mala fede*, xi ħaġa li din il-Qorti mhijiex disposta tittollera.

***…omissis…***

Fil-kawża tal-lum jirriżulta li kienu proprju l-konvenuti Costa u Fino li dehru fuq l-iskrittura tas-26 ta' Marzu 1990 **(RECTE: 1998)** għan-nom tal-kumpannija. Fil-fatt, il-konvenuta Fino stess ikkonfermat li hi u Gaetano Costa kienu d-diretturi tagħha. Tant huwa minnu li din il-kumpannija kienet taħt il-kontroll assolut tal-konjuġi Costa u ħadd aktar, li fil-kuntratt ta' separazzjoni ġie maqbul illi Gaetano Fino jitħallas il-kreditu tiegħu fil-konfront tal-komunjoni tal-akkwisti mir-rikavat tal-bejgħ tal-istabbiliment proprjetà tal-kumpannija.

Il-kuntratti għandhom jiġu esegwiti in buona fede, jiġifieri skont l-intenzjoni li kellhom il-partijiet u l-iskop li huma kellhom meta stipulaw il-kuntratt. Fejn jirriżulta aġir skorrett li juri mala fede, il-Qorti m'għandhiex tippermetti lil min jaħti għal dan l-aġir jieħu vantaġġ mill-mala fede tiegħu. Il-liġi tagħna hija mibnija fuq il-buona fede u l-ebda negozju ġuridiku ma għandu immunità mill-prinċipju *fraus omnia corrumpit.* Din l-eċċezzjoni tal-konvenuta Fino qiegħda għalhekk ukoll tiġi miċħuda.

Fil-mertu, il-konvenuta Fino teċċepixxi li kien jinkombi lill-attriċi li tiffirma biex isir it-tibdil fl-isem tal-utent reġistrat mal-Enemalta. L-Enemalta teċċepixxi biss illi l-ammont riklamat minnha huwa dovut mingħand l-attriċi in kwantu li l-kont huwa reġistrat fuq isimha. Hija preżentat kontro-talba li permezz tagħha qiegħda titlob lill-Qorti tiddikjara li l-attriċi hija debitriċi tagħha fl-ammont riklamat, illum ridott, u tikkundanna lill-istess attriċi tħallas dan l-ammont. L-attriċi laqgħet għat-talba rikonvenzjonali tal-Enemalta billi eċċepiet illi l-ammont riklamat mhuwiex dovut minnha iżda mill-konvenuti Costa u Fino.

L-ewwel u qabel kollox, l-Enemalta għandha raġun meta tgħid illi l-iskrittura privata ffirmata bejn il-partijiet l-oħra fil-kawża hija *res inter alios acta* għaliha. Dan il-prinċipju huwa rifless fis-segwenti artikoli tal-Kap. 16:

> *"992 (1) Il-kuntratti magħmula skont il-liġi għandhom saħħa ta' liġi għal dawk li jkunu għamluhom;*
>
> u
>
> *1001. Il-kuntratti għandhom effett bejn il-partijiet li jikkuntrattaw biss, u ma jistgħux ikunu ta' ħsara jew ta' ġid għal ħaddieħor, ħlief fil-każijiet li tgħid il-liġi."*

Bis-saħħa ta' registrazzjoni ta' dan il-kont, inholqot relazzjoni ġuridika bejn l-attriċi u Enemalta. Madanakollu, filwaqt illi huwa minnu li kien nuqqas tal-attriċi li ma ħaditx ħsieb illi timla l-formola appożita sabiex ma tibqax hi l-utent reġistrat fuq il-kont in kwistjoni, b'daqshekk ma jfissirx illi dak illi ftehmu u stipulaw il-partijiet konċernati fl-iskrittura tas-26 ta' Marzu 1998 ma jiswa xejn, kif donnu qiegħda tippretendi l-konvenuta Fino. Mhuwiex kontestat, anzi huwa ammess mill-konvenuta Fino stess, illi l-attriċi kellha tħallas biss il-kontijiet sal-5 ta' April 1998.

Fil-fehma tal-Qorti, ix-xhieda tal-konvenuta Fino mhijiex ta' min joqgħod fuqha għaliex mhuwiex verosimili li ma tiftakarx meta nbiegħ l-istabbiliment. Il-Qorti tinnota li mill-istatement a fol. 9 tal-proċess, jirriżulta li kien hemm konsum ta' dawl u ilma bejn l-1998 u 2001 u anke saru żewġ pagamenti bejn Ġunju tal-1998 u Marzu tal-1999 u allura l-konvenuta mhux ta' min joqgħod fuqha meta tgħid illi ma tiftakar xejn dwar x'użu kien qiegħed isir mill-istabbiliment dak iż-żmien. Din il-Qorti ssibha diffiċli wkoll sabiex temmen lill-konvenuta meta tgħid illi hija kienet avviċinat lill-attriċi sabiex timla l-formola appożita, imma li l-attriċi rrifjutat li tiffirma. L-attriċi ma kellha l-ebda raġuni għalfejn ma tikkoperax għaliex hi biss kellha x'titlef mill-istatus quo.

Il-konvenuta tisħaq illi fl-iskrittura tas-26 ta' Marzu 1998 il-partijiet qablu li huma ma kellhomx aktar pendenzi bejniethom, iżda b'daqshekk ma jfissirx illi l-attriċi kienet obbligata tibqa' tħallas il-kontijiet tad-dawl u ilma fuq stabbiliment illi ma kellhiex aktar x'taqsam miegħu. Fuq kollox, ġie stipulat ċar u tond illi l-attriċi kellha tħallas biss sal-5 ta' April u allura kienu l-konvenuti Costa u Fino stess illi aġixxew in mala fede billi ma rrispettawx dak stipulat fil-kuntratt. Għalhekk, għandhom ikunu huma li jiġu kkundannati jħallsu.

Finalment, l-attriċi għamlet ukoll talba għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni iżda ma ġabet l-ebda prova dwar danni li setgħet sofriet. Dwar il-provvista tad-dawl fir-residenza tal-attriċi, jidher illi huwa minnu li l-Enemalta kienet għal xi żmien issospendiet il-provvista, imma ma jidhirx illi din is-sitwazzjoni għadha tippersisti sal-lum u allura r-raba' talba attriċi mhijiex mistħoqqa.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u tal-leġittimu kontradittur kif ukoll l-eċċezzjonijiet kollha fil-mertu, u

i. Tilqa' l-ewwel talba;

ii. Għall-finijiet tat-tieni talba tillikwida l-ammont dovut fuq il-kont de quo fl-ammont ta' tnax-il elf, mija u sebgħa u sittin Ewro u tlieta u ħamsin Ċenteżmu (€12,167.53);

iii. Tilqa' t-tielet talba;

iv. Tiċħad ir-raba', l-ħames, s-sitt u s-seba' talba.

Tiċħad ukoll it-talba rikonvenzjonali tas-soċjetà konvenuta in kwantu li l-konvenuti Costa u Fino ġew ikkundannati jħallsu l-bilanċ pendenti fuq dan il-kont.

Fiċ-ċirkostanzi tal-każ, l-ispejjeż tal-kawża prinċipali kif ukoll tal-kontro talba għandhom jitħallsu kwantu għal nofs mill-attriċi u nofs mill-konvenuti Gaetano Costa u Lorraine Fino in solidum".

**Rikors tal-appell tas-soċjetà Enemalta plc (04.05.2020):**

7. L-aggravji tas-soċjetà Enemalta plc, in suċċint, huma s-segwenti:

(1) L-ewwel aggravju:

Fl-ewwel lok issostni li s-sentenza appellata hija nulla *stante* li l-okkju ma jirriflettix il-partijiet kollha.

(2) It-tieni aggravju:

Fit-tieni lok targumenta li l-Ewwel Qorti ma kellha qatt tillibera lill-appellata Zelda Zerafa mill-obbligi kuntrattwali tagħha lejha.

(3) It-tielet aggravju:

Fit-tielet lok issostni li konsegwentement it-talba rikonvenzjonali tagħha kellha tintlaqa' bl-appellata Zelda Zerafa tinstab responsabbli għall-

ħlas dovut, u tkun ikkundannata tagħmel l-istess ħlas lilha.

**<u>Risposta tal-appell tal-attriċi appellata Zelda Zerafa (28.04.2021):</u>**

8. L-attriċi appellata Zelda Zerafa wieġbet biex tagħti r-raġunijiet tagħha għaliex l-appell tas-soċjetà Enemalta plc għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontriha.

**<u>Nota tal-konvenuta appellata Lorraine Fino (20.11.2023):</u>**

9. Il-konvenuta appellata Lorraine Fino ppreżentat nota fejn wara li tat ruħha b'notifikata bl-avviż għas-smigħ iddikjarat li fir-rigward tal-kontenut tal-appell tas-soċjetà Enemalta plc "*hija tirrimetti ruħha għall-eventwali deċiżjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti.*"

**<u>Il-kuraturi deputati nominati biex jirrappreżentaw lil Gaetano Costa ma preżentawx risposta għall-appell tas-soċjetà Enemalta plc:</u>**

10. Il-kuraturi l-Avv. Patrick Valentino u l-P.L. Liliana Buhagiar, nominati biex jirrappreżentaw lill-assenti Gaetano Costa ma ppreżentawx risposta għall-appell tas-soċjetà Enemalta plc, minkejja li ġew debitament notifikati bir-rikors tal-appell fl-1 ta' Ġunju 2020.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:</u>**

**<u>L-ewwel aggravju:</u>**

11. Fl-ewwel aggravju tagħha s-soċjetà appellanti issollevat in-nullità tas-sentenza appellata inkwantu l-kuraturi deputati l-Avukat Patrick Valentino u l-P.L. Liliana Buhagiar, nominati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Gaetano Costa, ma ġewx indikati fl-okkju.

12. **Dan l-aggravju fil-fatt ġie rtirat fis-seduta tat-13 ta' Frar 2024** wara li fuq talba tal-partijiet din il-Qorti ordnat li ssir id-debita korrezzjoni. Fil-fatt dakinhar ġie vverbalizzat hekk:

> *"Il-Qorti fuq talba tal-partijiet tordna li l-paragrafu fl-okkju li jibda: 'u b'digriet tal-Qorti tat-28 ta' Jannar' ikompli 'u qed jiġi sostitwit bl-Avukat Patrick Valentino u l-PL Liliana Buhagiar b'digriet tad-9 ta' Jannar 2014 bħala kuraturi biex jirrappreżentaw lill-assenti Gaetano Costa.'*
>
> *Id-difensuri jagħtu ruħhom b'notifikati bil-korrezzjoni u l-Avv. Cachia jirtira l-ewwel aggravju."*

**<u>Kronoloġija tal-fatti:</u>**

13. Qabel ma tgħaddi biex tikkunsidra l-kumplament tal-appell tas-soċjetà konvenuta appellanti din il-Qorti tagħmel aċċenn għas-segwenti kronoloġija ta' fatti:

| | |
|---|---|
| 01.10.1997 | Saret skrittura privata li permezz tagħha l-konvenuti konjuġi Costa f'isem u in rappreżentanza tas-soċjeta` **"G. Costa Catering Ltd"** nru C10239 ikkonċedew b'titolu ta' lokazzjoni għal tliet snin il-fond bl-isem "*Dolceria Siciliana, De Gabriele Luca*" lill-attriċi **Zelda Zerafa.** |
| 26.03.1998 | Saret skrittura privata oħra din id-darba bejn l-**konjuġi Costa f'isimhom personalment, kif ukoll f'isem u in rappreżentanza tas-soċjeta` "G. Costa Catering Ltd**" nru C10239 u l-attriċi **Zelda Zerafa** fejn *inter alia* ftehmu s-segwenti:<br><br>1. *L-iskrittura ta' lokazzjoni datata 1 ta' Ottubru 1997 iffirmata bejn il-kumpanija u l-inwkilina qed tiġi terminata b'effett mill-5 ta' April 1998.*<br>2. *Il-partijiet qed jifthiemu li b'effett mill-5 t'April 1998, u cioe` f'dik il-ġurnata stess, l-inkwilina ser tirritorna ċ-ċwievet u l-pussess tal-fond loka ossia dak f' "Dolceria Siciliana, De Gabriele Luca", fi Triq San Franġisk, San Ġwann, lill-kumpanija rappreżentata mill-konjuġi Costa.*<br>3. *L-inkwilina qed tobbliga ruħha li tħallas il-kontijiet kollha li hemm dovuti għas-servizzi ta' dawl, ilma, telefon u elettriku sad-data tal-5 t'April 1998.* |
| 23.11.2001 | Sar kuntratt fl-atti tan-Nutar Mario Bugeja li permezz tiegħu ***"G Costa Catering Ltd"*** biegħu il-fond *"Dolceria Siciliana"* lil Francis Saviour Borg għan-nom ta' "***Delicious Company Ltd".*** |
| 05.11.2002 | Skont il-kont tal-Korporazzjoni Enemalta nru 10000013005, relattiv għall-ħanut in kwistjoni, li kien għadu reġistrat fuq l-attriċi, l-arretrati sal-5 ta' Novembru 2002 (*last reading date)* telgħu għal **Lm7,330.96.** |
| 24.03.2004 | **L-attriċi intavolat din il-kawża** fejn talbet li l-konvenuti Costa jiġu kkundannati jħallsu lill-Korporazzjoni Enemalta l-ammont likwidat mill-Qorti fl-ammont ta' **Lm7,330.96** b'riserva għal kull ammont ieħor li talvolta jirriżulta dovut, u biex il-Korporazzjoni tiġi ordnata tagħtiha lura l-provvista tad-dawl li ssospenditilha mir-residenza tagħha f'San Pawl il-Baħar u tiġi kkundannata tħallasha għad-danni konsegwenzjali. |
| 14.09.2004 | Skont il-kont tal-Korporazzjoni Enemalta nru 10000013005, relattiv għall-ħanut in kwistjoni, li kien għadu reġistrat fuq l-attriċi l-arretrati sal-14 ta' Settembru 2004 (*last reading date)* telgħu għal **Lm8,215.34.** |
| 24.02.2005 | **Il-Korporazzjoni Enemalta ressqet kontro-talba** fejn talbet li l-attriċi bħala r-"*registered consumer*" tagħha, u bħala l-persuna li għandha relazzjoni ġuridika magħha, tiġi kkundannata tħallasha tali ammont ta' **Lm8,215.34** (ekwivalenti għal €19,141.74). |
| 11.04.2008 | **Il-Korporazzjoni Enemalta ippreżentat nota li permezz tagħha irriduċiet il-pretenzjoni tagħha għall-ammont ta' €12,167.53.**<br><br>(Fix-xiehda tiegħu **John Saliba,** impjegat mal-Korporazzjoni Enemalta, spjega li f'Jannar 2008 is-sur **FS Borg** applika biex is-servizz jinqaleb għal fuqu u aċċetta li jkun responsabbli għall-konsum minn **Novembru 2001**, cioe` minn meta akkwista l-fond hu.) |

**<u>L-interess ġuridiku (*o meno*) tas-soċjetà Enemalta plc biex tressaq dan l-appell:</u>**

14. Fir-risposta tal-appell tagħha l-attriċi appellata Zelda Zerafa ssollevat in-nuqqas ta' interess ġuridiku da parti tas-soċjetà appellanti Enemalta p.l.c. biex tressaq dan l-appell.

15. Hija targumenta li bis-sentenza tal-Ewwel Qorti s-soċjetà Enemalta p.l.c. xorta ser titħallas l-ammont pretiż minnha fil-kontrotalba, bl-unika differenza li minflok ma hija sejra titħallas da parti tagħha (l-attriċi), sejra titħallas da parti ta' Gaetano Costa u Lorraine Fino *in solidum*. Iżżid tgħid li jekk hija naqset milli tinforma lill-Korporazzjoni Enemalta li kienet ser titlaq mill-fond u allura baqgħet titqies bħala l-utent reġistrat, hija institwiet din il-kawża sabiex tagħmel tajjeb għal dan in-nuqqas u issa ottjeniet sentenza fejn ġie deċiż li l-ħlas kien dovut minn terzi (Gaetano Costa u Lorraine Fino) u dawn it-terzi ġew ikkundannati jħallsu minflokha.

16. Din il-Qorti tirreferi għas-sentenza mogħtija fil-11 ta' Jannar 1965 fil-kawża fl-ismijiet ***"Onorevoli Toni Pellegrini M.L.A. ne v. Onorevoli Edward G Arrigo C.B.E. ne et"*** fejn il-Qorti tal-Appell insenjat hekk fuq l-interess ġuridiku rikjest sabiex wieħed jappella:

> *"Rigward l-appell principali tal-konvenut:*
>
> *Il-Qorti ssollevat id-dubju jekk u sa fejn hemm lok għal dan l-appell mid-deċiżjoni tal-ewwel Qorti fuq punt preliminari meta, in definittiva, it-*

*talbiet tal-attur ġew, bis-sentenza ta' dik il-Qorti, interament respinti, u l-kawża ġiet imħollija għas-sentenza fuq dan l-inċident.*

*Fil-fehma tal-Qorti hi l-aktar ħaġa ċara li l-konvenut ma kellu l-ebda lok u dritt legali li jappella prinċipalment, kif għamel mis-sentenza tal-ewwel Onorabbli Qorti.*

*Għal appell jinħtieġ, bħal ma jinħtieġ għal istituzzjoni ta' kawża, l-interess ġuridiku. Anzi, kif jgħid fil-"Comentario di Procedura Civile" ta' Pisanelli, Scialoja u Mancini (Vol. VI § 130) "l'interesse il quale serve di fondamento al giudizio di appello deve avere un'origine più precisa e più certa, e quindi debb'essere più concreto di quello che richiedesi per la introduzione di un giudizio. L' appello è dato per riparare la sentenza dei primi giudici: onde per ammettersi è necessario che si abbia interesse ad ottenarne la riparazione, ossia che la sentenza dei primi giudici arrechi un' offesa positiva al diritto del litigante".*

*Is-sentenza in kwistjoni ma arrekat l-ebda preġudizzju pożittiv għad-dritt tal-konvenut, relatat s' intendi mal-kawża li ġiet deċiża bis-sentenza, u difatti l-konvenut mhux jitlob bl-ebda mod il-modifika ta' dik is-sentenza in kwantu ddisponiet mid-domandi tal-attur, imma qed jitlob il-konferma tagħha, biss għal raġuni diversa.*

*L-interess ġuridiku li jintitola parti li tappella mis-sentenza , jikkonkretizza ruħu fis-sokkombenza.*

*…*

*Ir-regola tibqa' illi parti tista' tappella biss jekk tkun 'sokkombenti'. S'intendi is-sokkombenza tista' tkun totali jew parzjali, imma sokkombenza jinħtieġ li jkun hemm biex jista' jingħad illi l-litigant għandu interess ġuridiku u kwindi dritt li jappella mis-sentenza. Dan hu hekk għaliex skop tal-appell huwa li jiġi rimedjat għall-istat ta' vjolazzjoni tad-dritt tal-appellant ikkaġunati bis-sentenza kif inhi.*

*….*

*L-interess ġuridiku ta' konvenut f'kawża hu li t-talba tal-attur dedotta kontra tiegħu tiġi miċħuda. Hu jista' jimpjega biex jottjeni dak l-iskop diversi mezzi ta' difiża, konsistenti f'raġunijiet u eċċezzjonijiet, kollha tendenti għall-istess objettiv u identiku skop, cioe` li jiġi meħlus definittivament u interament mill-pretenzjonijiet miġjuba kontra tiegħu. Meta dan l-iskop jiġi raġġunt, hu ma jistax jitqies gravat u l-interess ġuridiku tiegħu f'dik il-kawża hu eżawrit. Kieku l-mezzi diversi ta' difiża adoperati jkunu lkoll riferibbli għall-mertu tal-kawża u wieħed minnhom jiġi miċħud b'mod illi t-talba tal-attur tiġi respinta in parti biss, il-konvenut jista' ovvjament jappella mill-parti tas-sentenza li ċaħdet id-difiża tiegħu, għax id-deċiżjoni hija riflessa fid-dispożittiv dwar it-talba. Imma meta jew id-diversi eċċezzjonijiet ikunu wkoll jirrigwardaw il-mertu u tiġi eskluża waħda minnhom iżda akkolta l-oħra b'mod illi, fir-riżultat, jiġi*

> *xorta meħlus għal kollox mit-talba tal-attur jew waħda mill-eċċezzjonijiet tkun preġudizzjali (kif kienet dik preżenti) u dik tiġi respinta, iżda tiġi akkolta l-eċċezzjoni tal-meritu u hekk it-talba tal-attur tiġi interament miċħuda "in questi ed altri casi simili", kif jgħid il-Mattirolo, "il convenuto ha di fatto ottenuto una piena vittoria".*
>
> *…*
>
> *Jekk attur rebaħ il-meritu kollu dedott, għalkemm wieħed mit-titoli jew raġunijiet avvanzati bħala bażi għat-talba tiegħu ġie eskluż, jew konvenut similment rebaħ il-meritu kollu għad li waħda mill-eċċezzjonijiet jew raġunijiet tiegħu ġiet miċħuda, ma jistax, la fil-każ il-wieħed u lanqas l-ieħor jingħad legalment li hemm "sokkombenza".*

17. Fid-dawl ta' dan l-insenjament din il-Qorti ma taqbilx li s-soċjetà appellanti ma kellhiex l-interess ġuridiku li tappella mis-sentenza appellata. Għalkemm huwa minnu li bis-sentenza tal-Ewwel Qorti xorta ġie li s-soċjetà Enemalta p.l.c. ser titħallas l-ammont ta' €12,167.53 pretiż minnha, bil-fatt li ntlaqgħu l-ewwel u t-tielet talbiet attriċi (li kienet qiegħda tikkontesta bil-qawwa kollha) u bil-fatt li tilfet il-kawża rikonvenzjonali tagħha jsegwi li hija kienet fil-fatt "sokkombenti". Huwa proprju għalhekk li qiegħed jitlob il-modifika tas-sentenza fir-rigward. Il-fatt li s-sentenza appellata qiegħda tagħti lis-soċjetà Enemalta p.l.c. utilità monetarja ma jinnewtralizzax l-imsemmija sokkombenza.

## **<u>It-tieni u t-tielet aggravji:</u>**

18. Dawn l-aggravji huma marbutin flimkien. Is-soċjetà appellanti ssostni li kienet żbaljata l-Ewwel Qorti meta injorat l-obbligu tal-ħlas li kellha Zelda Zerafa fil-konfront tagħha, naxxenti minn relazzjoni

kuntrattwali li kellhom flimkien. Konsegwentement issostni li l-kontrotalba tagħha kellha tintlaqa'.

19. Din il-Qorti jidhrilha li huwa ta' rilevanza f'dan ir-rigward l-insenjament tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivli fis-sentenza mogħtija minnha fl-10 ta' Jannar 2008[1] fil-kawża fl-ismijiet ***Maltacom plc v. Emanuel Vella et*** *(199/98/JRM).* F'dan il-każ filwaqt li l-konvenut kien abbonat mas-soċjetà attriċi għall-għoti ta' servizz telefoniku, kien jeżisti ftehim bejnu u bejn il-kjamati fil-kawża fejn waħda minnhom intrabtet li tħallas il-kontijiet u l-oħra daħlet bħala garanti magħha dwar ir-rabta tagħha li tħallas il-kont. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili però irriteniet illi kien il-konvenut waħdu li huwa responsabbli għall-ħlas dovut lis-soċjetà attriċi għaliex dak li ġie miftiehem fl-iskrittura privata jibqa' *res inter alios acta* fil-konfront tas-soċjetà attriċi, ovvjament dan bla ħsara għal kull rimedju li jista' jkollu abbażi tal-iskrittura kontra l-kjamati fil-kawża :

> *"Illi l-Qorti tibda billi tistħarreġ min hu marbut li jħallas il-kont. Il-kuntratt għall-għoti tas-servizz sar bejn il-kumpannija attriċi u l-imħarrek. Kien hu li talab is-servizz u li ntrabat bil-kundizzjonijiet li taħthom kien jingħata dak is-servizz. Ir-rabta kuntrattwali kienet bejnu u l-kumpannija attriċi, u kien hu li talab li ismu jidher fid-direttorju bħala l-abbonat tas-servizz. Ma jirriżultax li – għaż-żmien li għalih jirreferi l-kont mertu tal-każ – dak il-kuntratt tħassar jew li, minfloku, sar kuntratt ieħor b'abbonat ġdid. Il-kreditu pretiż sar fiż-żmien li l-imħarrek kien il-persuna li dwarha u fuq talba tagħha kien jingħata s-servizz telefoniku mill-kumpannija attriċi. Dan huwa l-qafas legali li din il-Qorti tagħraf li kien joħloq ir-rabta ġuridika bejn il-kumpannija attriċi u l-imħarrek.*
>
> *…*

[1] Mhux appellata.

*Illi l-imħarrek jgħid li l-imsejħa fil-kawża Adelina Sacco kienet intrabtet li tħallas hi kull kont dwar is-servizz telefoniku. Huwa ressaq kopja tal-kitba privata li saret bejnu u bejnha fl-14 ta' Ottubru tal-1993. F'dik il-kitba, l-imsejħa fil-kawża l-oħra Connie Abdilla kienet daħlet garanti flimkien ma' Sacco dwar ir-rabta tagħha li tħallas il-kont.*

…

*Illi l-kitba li saret fl-14 ta' Ottubru, 1993, kienet toħloq rabtiet bejn il-partijiet li dehru fuqha fir-relazzjoni interna ta' bejniethom, u ma kinitx torbot ukoll lill-kumpannija attriċi. Tibqa' res inter alios acta fil-konfront tal-kumpannija attriċi. Il-fatt li xi ħlasijiet setgħu saru direttament mill-imsejħa fil-kawża ma jwassalx għall-konklużjoni li d-debitur oriġinali – l-imħarrek – inbidel b'debitriċi ġdida, għaliex mhux kull terz li jħallas dejn ta' ħaddieħor isir id-debitur il-ġdid ta' obbligazzjoni, daqskemm kreditur ma jistax jirrifjuta ħlas li toffri terza persuna jekk kemm-il darba dak il-ħlas ikun ta' vantaġġ għad-debitur;*

*Illi lanqas ma jista' jingħad li l-aċċettazzjoni fil-kitba privata min-naħa tal-imsejħa fil-kawża Sacco li hija tagħmel tajjeb għall-kont pendenti ħelset lill-imħarrek mir-rabta li kellu mal-kumpannija attriċi, għaliex l-assunzjoni ta' debitu waħedha ma twassalx tabilfors għall-ħelsien tad-debitur mill-obbligazzjoni li huwa daħal għaliha. U daqstant ieħor ma twassalx għan-novazzjoni d-delega waħedha ta' debitur ieħor magħmla mid-debitur lill-kreditur tiegħu, sakemm dan ma jkunx laqa' delega bħal dik, imqar ukoll jekk tali debitur delegat jiddikjara li jrid jidħol responsabbli għat-twettiq tal-obbligazzjoni;*

*Illi f'dan id-dawl, il-Qorti qegħda tasal għall-fehma li l-imħarrek waħdu huwa responsabbli għall-ħlas dovut lill-kumpannija attriċi, bla ħsara għal kull rimedju li huwa jista' jkollu kontra terzi (l-imsejħin fil-kawża) bis-saħħa ta' arranġamenti milħuqa bejniethom".*

20. Issa l-Ewwel Qorti f'din il-kawża tal-lum, filwaqt li rrikonoxxiet li l-attriċi kellha rabta kuntrattwali u allura relazzjoni ġuridika mas-soċjetà Enemalta p.l.c., u filwaqt li rrikonoxxiet ukoll li l-attriċi ma ħaditx passi sabiex ma tibqax l-utent reġistrat fuq il-kont inkwistjoni, qalet li b'daqshekk ma jfissirx li l-iskrittura tas-26 ta' Marzu 1998 ma tiswa għal xejn. Aċċennat ukoll għall-ammissjoni tal-konvenuta Lorraine Costa, illum Fino, li l-attriċi kellha tħallas il-kontijiet sal-5 ta' April 1998 biss. Qieset li l-konvenuti Costa u Fino ma rrispettawx dak stipulat fil-kuntratt u

kkonkludiet li għandhom ikunu huma li jiġu kkundannati jħallsu l-kontijiet wara l-5 ta' April 1998.

21. L-iskrittura privata tas-26 ta' Marzu 1998 pero` ma biddlet xejn mir-relazzjoni ġuridika eżistenti bejn l-attriċi u s-soċjetà Enemalta p.l.c.. Tali skrittura bl-ebda mod ma affetwat il-vinkolu ġuridiku bejn l-attriċi u s-soċjetà Enemalta p.l.c.. Dan il-vinkolu mbagħad spiċċa meta f'Jannar 2008 **Francis S Borg** applika biex is-servizz jinqaleb għal fuqu u aċċetta li jkun responsabbli għall-konsum minn Novembru 2001, ċjoè minn meta akkwista l-fond hu. Isegwi għalhekk li l-bilanċ ta' €12,167.53 li akkumula sa Novembru 2001 kien dovut lis-soċjetà Enemalta p.l.c. mill-attriċi u minn ħadd iktar.

22. Din il-Qorti tapprezza għaliex is-soċjetà Enemalta p.l.c. ħassitha aggravata b'din il-konklużjoni, kemm għal dak li jirrigwarda ċ-ċaħda tal-kontrotalba u kif ukoll għal dak li jirrigwarda t-talba prinċipali, senjatament il-fatt li ntlaqgħu l-ewwel u t-tielet talbiet. Bil-mod li ġiet deċiża s-sentenza appellata ġie injorat kompletament l-obbligu kuntrattwali tal-ħlas li kellha Zelda Zerafa fil-konfront tagħha u għalhekk l-istess soċjetà Enemalta p.l.c. kellha kull dritt tippretendi li dan jiġi rettifikat. Mhix "testardaġni" (kif tikkumenta l-attriċi appellata) da parti tas-soċjetà Enemalta p.l.c. li tippretendi li kellha tkun il-persuna kontrattwalment vinkolata magħha li tiġi kkundannata mill-Qorti biex tħallasha dak dovut lilha.

23. L-Ewwel Qorti kellu jirriżultalha li l-kontrotalba hija fondata fil-konfront tal-attriċi.

**Decide:**

24. Għal dawn il-motivi din il-Qorti qiegħda tilqa' l-appell tas-soċjetà Enemalta p.l.c. kif isegwi:

(i) Tħassar dik il-parti tas-sentenza fejn ġiet miċħuda t-talba rikonvenzjonali tas-soċjetà attriċi, u minflok qiegħda tilqagħha u konsegwentement qiegħda:

(1) Tiċħad l-ewwel talba u t-tielet talbiet attriċi u tilqa' l-ewwel talba rikonvenzjonali, tiddikjara li Zelda Zerafa hija debitriċi tas-soċjetà Enemalta p.l.c. fl-ammont ta' tnax-il elf, mija u sebgħa u sittin ewro, u tlieta u ħamsin ċenteżmu (€12,167.53) fuq il-kont numru 1000013005, rappreżentanti konsum tal-elettriku fl-istabbiliment "*Dolceria Siciliana, De Gabriele Luca*" fi Triq San Franġisk, San Ġwann, liema kont kien reġistrat fuq l-istess attriċi (sa Novembru 2001).

(2) Konsegwentement tilqa' t-tieni talba rikonvenzjonali u

tikkundanna lill-istess Zelda Zerafa tħallas lis-soċjetà Enemalta p.l.c. l-ammont (ridott) ta' tnax-il elf, mija u sebgħa u sittin ewro, u tlieta u ħamsin ċenteżmu (€12,167.53) li jirrapprezenta arretrati minn April 1998 sa Novembru 2001, ċjoè sa meta l-kont kien jgħajjat lill-attriċi bl-imgħaxijiet mid-data tal-kontrotalba sad-data tal-pagament, salv id-dritt tal-attriċi li tiġbor mingħand il-konvenuti kull ammont imħallas minnha lil Enemalta.

(ii) Tiċħad il-kumplament tat-talbiet attriċi sa fejn kompatibbli ma' din is-sentenza.

(iii) L-ispejjeż tal-kawża prinċipali kif ukoll tal-kontrotalba għandhom jitħallsu kif deċiż mill-Ewwel Qorti, ċjoè kwantu għal nofs ($^{1}/_{2}$) mill-attriċi u nofs ($^{1}/_{2}$) mill-konvenuti Gaetano Costa u Lorraine Fino *in solidum*.

(iv) L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jitħallsu mill-attriċi appellata.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm